Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,378, 30 ta' Marzu, 2020
Taqsima B

A.L. 113 tal-2020

ATT DWAR IS-SAĦĦA PUBBLIKA (KAP. 465)

Regolamenti tal-2020 dwar l-Infurzar tal-Ordni li jirrigwarda n-Numru ta' Persuni fi Spazji Pubbliċi

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 26 tal-Att dwar is-Saħħa Pubblika, il-Ministru responsabbli għas-Saħħa Pubblika, wara konsultazzjoni mas-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa r-Regolamenti tal-2020 dwar l-Infurzar tal-Ordni li jirrigwarda n-Numru ta' Persuni fi Spazji Pubbliċi. Titolu.

2. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra: Tifsir.

"l-Att" tfisser l-Att dwar is-Saħħa Pubblika; Kap. 465.

"Suprintendent" tfisser is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika.

3. F'konformità mal-artikolu 27(ċ) tal-Att, is-Suprintendent b'dan qiegħda tippreskrivi miżuri li jissalvagwardjaw kontra u, jew jikkontrollaw il-marda infettiva COVID-19. Miżuri li jittieħdu mis-Suprintendent.

4. L-Ordni tal-2020 dwar in-Numru ta' Persuni fi Spazji Pubbliċi, maħruġ mis-Suprintendent, għandu jkun strettament osservat. Osservanza tal-ordni. A.L. 112 tal-2020.

5. Kull persuna li tonqos milli tosserva d-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinstab ħatja, penali ta' mitt euro (€100) għal kull darba mill-okkażjonijiet li l-persuna tikser l-Ordni tal-2020 dwar in-Numru ta' Persuni fi Spazji Pubbliċi. Reati u pieni. A.L. 112 tal-2020.

Verżjoni Elettronika

L.N. 113 of 2020

PUBLIC HEALTH ACT
(CAP. 465)

Enforcement of the Order relating to the Number of Persons in Public Spaces Regulations, 2020

IN EXERCISE of the powers conferred by article 26 of the Public Health Act, the Minister responsible for public health, after consultation with the Superintendent of Public Health, has made the following regulations:-

Citation.

1. The title of these regulations is the Enforcement of the order relating to the Number of Persons in Public Spaces Regulations, 2020.

Interpretation.

2. In these regulations, unless the context otherwise requires:

Cap. 465.

"the Act" means the Public Health Act;

"Superintendent" means the Superintendent of Public Health.

Measures taken by the Superintendent.

3. In accordance with article 27(c) of the Act, the Superintendent, is hereby prescribing measures to guard against and, or to control the COVID-19 infectious disease.

Adherence to the order. L.N. 112 of 2020.

4. The Number of Persons in Public Spaces Order, 2020 issued by the Superintendent, shall be strictly adhered to.

Offences and penalties.

L.N. 112 of 2020.

5. Any person who fails to abide by the provisions of these regulations shall be guilty of an offence and shall, on conviction, be liable to the payment of a penalty of one hundred euro (€100) for each and every occasion in which that person breaches the Number of Persons in Public Spaces Order, 2020.

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC — *Printed at the Government Printing Press on FSC certified paper*

Prezz/*Price*
€0.09